**Stqarrija mill-Prim Ministru u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali fuq kif qiegħda tiżviluppa s-sitwazzjoni preżenti dwar l-immigrazzjoni irregolari f'pajjiżna. (Estratt mis-Seduta tad-9 ta' Lulju 2013)**

**Prim Ministru**

Sur President, nitlob lill-Kamra tippermettili nagħmel stqarrija li, kuntrarju għall-prassi, mhux se tkun bil-miktub għaliex qiegħda tiġi aġġornata minn ħin għal ħin, imma nixtieq nagħmilha b'mod verbali u lesti li nkomplu nirrepetu fejn l-affarijiet ma jkunux ċari sabiex ninforma lill-Kamra, Sur President, fir-rigward tas-sitwazzjoni li għandna bħalissa f'pajjiżna u fil-Mediterran fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali.

Bil-permess ta' din il-Kamra, Sur President, wara li nagħmel nota ta' introduzzjoni xtaqt inħalli f'idejn l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali sabiex jagħti dettalji preċiżi ta' avvenimenti li seħħew fl-aħħar jiem u fl-aħħar sigħat. Biss biss biex nagħti l-kontest, Sur President, l-informazzjoni li għandna hija li matul l-aħħar 40 siegħa madwar il-Mediterran kien hemm passaġġ jew tentattivi ta' passaġġ ta' mill-inqas 1,000 persuna li tagħmel din l-*issue*, kif jista' issa jitkellem il-Ministru tal-Intern u tas-Sigurtà Nazzjonali, waħda gravi li fil-fehma tagħna mhix qed tittieħed bis-serjetà neċessarja mill-komunità internazzjonali, b'mod partikolari mill-Unjoni Ewropea.

Sur President, kienet din is-sitwazzjoni ta' *flux* enormi li qed tiġri madwarna li wasslitna biex fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali ngħidu li qegħdin nikkonsidraw l-*options* kollha li huma leġittimi fil-fehma tagħna sabiex niddefendu l-interess nazzjonali. Kien hemm min ħaseb li qegħdin nibblaffjaw. It-test ġie matul il-lejl tal-bieraħ fejn daħlet dgħajsa oħra b'madwar 102 persuni abbord. Hemmhekk kien it-test tagħna biex naraw jekk hux veru - u aħna konvinti li l-affarijiet li ngħidu mhumiex għall-gallarija imma huma fis-sustanza - li hemmhekk ukoll neżaminaw l-*options* kollha li kien hemm quddiemna. L-ewwel ħaġa li għamilna kienet li naraw il-kompożizzjoni ta' dawn il-persuni. Fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea sa dalgħodu ma kienet tidher imkien l-*issue* tal-immigrazzjoni illegali. Forsi kienu qed jaħsbu li dak li konna qegħdin ngħidu kien sempliċement kliem. Matul il-ġurnata kif żviluppaw l-affarijiet innotajna li l-Kummissjoni Ewropea, fost oħrajn, filwaqt li tat l-ħsibijiet tagħha fir-rigward tal-possibbiltà ta' *push back* li aħna semmejna, qalet li lesta tiddiskuti mal-Gvern Malti aktar għajnuna u aktar assistenza. Jien ngħid li l-ewwel riżultat diġà nkiseb, li l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea qamet mir-raqda li kienet raqdet fiha u ħasbet li Malta mhix se titkellem aktar dwar dan is-suġġett.

Sur President, waħda mill-affarijiet li saru llum kienet li rajna eżattament il-kompożizzjoni tal-aħħar żbark. Bħala punt teoretiku rajna kemm hemm tfal, il-ġenituri ta' dawn it-tfal, nisa li huma tqal u persuni oħra fiżikament vulnerabbli u sseparajniehom mill-kumplament tal-wasliet. Għamilna dan il-proċess biex jekk naslu - u hawnhekk irrid nisstressja "jekk naslu" - għad-deċiżjoni li nibagħtu lura lejn il-Libja lil dawn il-persuni, ikunu esklużi milli jintbagħtu lura t-tfal, il-ġenituri tagħhom, in-nisa tqal u persuni oħra fiżikament vulnerabbli.

Inżid li matul il-ġurnata kellna kuntatti kontinwi mal-Gvern Libjan u rrid ngħid li nirringrazzjahom minn qalbi tal-fatt li kienu komprensivi ħafna u li forsi wasalna magħhom ferm iktar milli wieħed kien jistenna li jasal f'bosta snin. Dan irrid nirrimarkah f'din il-Kamra wkoll. Sur President, irrid ngħid li jien tajt struzzjonijiet biex l-*options* kollha jkunu loġistikament lesti, jiġifieri jekk l-immigranti jintbagħtu lura jrid ikun hemm lest is-sistema kif se jintbagħtu lura, bil-permessi neċessarji, bl-arranġamenti neċessarji u bl-assigurazzjonijiet neċessarji li fost oħrajn dawn jinżammu f'kondizzjonijiet tajbin. Filwaqt li għaddejjin f'din il-konsiderazzjoni ġejna informati verbalment li numru ta' NGO's għamlu l-ekwivalenti ta' rikors jew mandat ta' inibizzjoni, sejjaħlu li trid inti, fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex iwaqqfu deċiżjoni li l-Gvern Malti effettivament għadu ma ħax. Għadna qed nistennew il-konferma bil-miktub ta' din il-proċedura u dawn il-punti kollha.

Sur President, qed ninformaw lil din il-Kamra bis-sitwazzjoni kif wasalna fiha llum. Aħna minn din in-naħa tal-Kamra *we stood up to be counted.* Nemmnu li s-sitwazzjoni kif inhi u kif qiegħda tiżviluppa m'għadhiex tollerabbli għal pajjiżna. Nifhem li hemm *cost* politiku għal dan kollu, u dan il-*cost* lest li nġorru jien kollu kemm hu fuq spallejja b'mod konxju għall-aħħar. Iżda jrid iġorr ir-responsabbiltà wkoll kull min jaħseb li bl-azzjonijiet tiegħu jista' jżomm lil dan il-Gvern milli jipproteġi l-interessi nazzjonali ta' pajjiżna, kif inhi, fil-libertà tal-individwu li jagħmilha. Imma kif aħna bid-deċiżjonijiet li nistgħu nieħdu qed inġorru r-responsabbiltà, kull min jagħmel deċiżjonijiet mod ieħor irid ukoll iġorr ir-responsabbiltà. Intemm, Sur President, billi nassigura lil din il-Kamra li l-obbligazzjonijiet tal-Gvern u ta' dan il-poplu u ta' dan il-pajjiż lejn r-*rule of law* u lejn id-deċiżjonijiet li tieħu l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jiġu rispettati. Nemmnu li sal-lum, s'issa, bil-punt li għamilna qajjimna l-*issue* fuq l-aġenda. Jekk kemm-il darba ma jkollniex konferma min-naħa tal-Qorti Ewropea tad-deċiżjoni li jingħad li ngħatat b'mod verbali, fis-sigħat li ġejjin aħna nkomplu nikkonsidraw l-*options* kollha quddiemna.

Bil-permess tal-Kamra, inħalli f'idejn l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali sabiex jagħti aktar dettalji ħalli mbagħad inkunu nistgħu nwieġbu l-mistoqsijiet ta' din il-Kamra.

**Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali**

Kif qal tajjeb il-Prim Ministru din il-Kamra qiegħda tiġi informata fuq suġġett li mhuwiex ġdid għal dan il-Parlament u lanqas għall-poplu Malti u Għawdxi kollu. Hija sitwazzjoni li, kif jgħidu, *tardare si, scappare no,* sitwazzjoni fejn qed jiżdied l-influss ta' dawn in-nies u fl-istess ħin il-Komunità Ewropea ma kenitx qiegħda tagħti sehemha biex aħna nirrikonoxxu l-obbligazzjonijiet tagħna internazzjonali. Kif qal il-Prim Ministru, dan il-Gvern qiegħed b'kuraġġ jiffaċċja din is-sitwazzjoni billi qiegħed jinnota affarijiet li huma anke allarmanti.

Fl-ewwel lok is-servizz tal-Intelliġenza qed jurina li ġol-Libja l-gruppi kriminali li fil-fatt qegħdin jorganizzaw rwieħhom biex klandestinament iħarrbu jew jibagħtu fl-ibħra Mediterranja lil dawn in-nies żdiedu u żdiedu bil-kbir. Fl-istess ħin qegħdin ninnotaw ukoll li l-ammont ta' dawn l-immigranti irregolari li qed ikollna fl-ibħra Mediterranji qiegħed ikun storja ta' kuljum. Biżżejjed ngħid li bejn it-8 ta' Lulju - u qed nitkellem kmieni filgħodu - sal-mument li qegħdin nitkellmu issa kien hemm dgħajsa b'166 persuna li skappat lil Malta u

spiċċat Lampedusa, dgħajsa oħra b'60 persuna, ftit sigħat wara dgħajsa oħra li kellha 50 persuna, dgħajsa oħra li kellha 114-il persuna, fid-9.27 p.m. - fl-istess jum tat-8 ta' Lulju - dgħajsa oħra bi 30, 40 persuna, fid-9.28 p.m. dgħajsa oħra bi 303 persuni, u fl-10.05 p.m. dgħajsa oħra b'94 persuna, imbagħad fid-9 ta' Lulju kellek dgħajsa oħra b'102 persuna li fil-fatt hija dik li spiċċat Malta dalgħodu u sakemm jiena qiegħed nitkellem hemm erba' dgħajjes oħra li qegħdin isalpaw li effettivament wieħed qiegħed jara liema direzzjoni qegħdin jieħdu. Dan huwa ammont allarmanti li qiegħed jagħti indikatur li jekk pajjiżna mhux se jagħmel xi ħaġa u mhux se jipprova juri lill-Komunità Ewropea bis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, naħseb li l-passat se jittieħed li aħna ġwejjef, fis-sens li allura aħna mhux qed nagħmlu dak kollu possibbli, u allura ħaddieħor jibqa' ma jagħtix kas u nibqgħu għaddejjin f'din is-sitwazzjoni.

Meta kont qed nitkellem riċentement fil-Lussemburgu fil-Kunsill tal-Ministri u Malta stess approvat il-*common asylum policy,* jien għedt li ma tistax titkellem fuq xi ħaġa li hija komuni meta l-membri stati mhumiex qegħdin effettivament jagħtu sehemhom għal din il-problema. Ġurnata jew tnejn oħra jidhirli li l-Gvern Irlandiż se jieħu 10 persuni minn dawn l-ammonti sostanzjali li għandna. Jekk wieħed imur għal statistika biex ikun jista' jagħti informazzjoni lil dan il-Parlament, isib li aħna għandna sitwazzjoni fejn fil-*closed centre* ta' Ħal Far bħalissa hemm 182 persuna u dan il-post jiflaħ 200 persuna, jiġifieri qegħdin *short* bi 18-il persuna. Ħal Safi li huwa *closed centre* bħalissa hemm 295 persuna u dan jiflaħ 500 persuna, fl-*open centres* bħalissa hemm 1,194 persuna u dawn jifilħu 2,000 persuna. Jiġifieri n-numru ta' immigranti s'issa din is-sena, jekk wieħed iżomm dan il-grupp kollu, huwa ta' 601 persuna.

Imma, kif qal il-Prim Ministru, wieħed irid iwassal messaġġ u dan il-Gvern fil-fatt qal li huwa dispost li jara l-*options* kollha miftuħa għalih, *options* li wara kollox huma tali li jistgħu jwasslu li madwar mejda wieħed jista' jiddiskuti soluzzjoni fejn dan il-pajjiż jieħu n-numru aċċettabbli ġeografikament u skont il-popolazzjoni tagħna, imma dak li fil-fatt ma jiflaħx wieħed għandu jindirizza lil pajjiżi oħra li wkoll għandhom obbligazzjonijiet internazzjonali. Wara kollox dan il-pajjiż, meta kien hemm pajjiżi oħra fi kriżi ta' natura differenti, dejjem għen u dan il-Parlament dejjem ivvota biex juri solidarjetà. Allura dak li aħna qegħdin nistennew mhu xejn speċjali, ħlief li nitolbu lil sħabna membri fl-Unjoni Ewropea li din is-solidarjetà ma tkunx waħda bbażata fuq volontarjat. Jien konvint li dan il-Parlament u anke l-membri fl-Oppożizzjoni jifhmu s-sitwazzjoni li dan il-pajjiż qiegħed fiha u jien nawgura li bħall-Gvern jissekonda dan il-kuraġġ li fil-fatt inkunu ħafna iktar viċin il-polz tal-poplu u viċin il-poplu.

Sur President, ovvjament jista' jkollok kritika li meta inti qed taqdi d-dmir tiegħek għall-interess nazzjonali xi ħadd jitfagħlek stigma li inti popolist. Bl-akbar rispett, dan m'għandux ikun l-animu ta' dan il-Parlament. Aħna hawnhekk filwaqt li nirrikonoxxu t-tbatija ta' dawn in-nies, filwaqt li nirrikonoxxu li għandna nagħtu l-għajnuna lil dawn in-nies, irridu nkunu realisti wkoll li fuq interess nazzjonali aħna għandna nieħdu deċiżjoniiet li jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet. Dan il-Gvern kellu l-kuraġġ li jesprimi ruħu li għandu l-*options* kollha miftuħa, kif qal il-Prim Ministru. Jiena ma nistax ngħid li uffiċjalment nista' ninforma lil dan il-Parlament - forsi hawn min f'dan il-Parlament jista' jinfurmani aħjar - li m'għandna xejn

bħala dokumentazzjoni li xi ħadd ħareġ waqqaf ... (Interruzzjonijiet) Il-Prim Ministru qed jinfurmani li daħlet issa.

Mela jekk din is-sitwazzjoni tavvera ruħha għandek *option* li fil-fatt konna qegħdin nikkonsidraw, li ma tkunx effettivament iżjed realistika għax dan il-Gvern ovvjament bl-ebda mod, fil-vera sinifikat tar-*rule of law*, is-saltna tad-dritt, mhu se jmur kontra deċiżjoni ta' Qorti li fil-fatt tagħti ordni simili. Però rridu ngħidu wkoll lill-poplu Malti li dan ifisser li fin-negozjati tiegħu dan il-Gvern għandu wieħed mill-*options* li naħseb kien b'saħħtu biex nistgħu nikkonvinċu li ħaddieħor iwettaq dawk l-obbligazzjonijiet internazzjonali li huwa nieqes. Jien nispera li d-dibattitu f'dan il-Parlament iwassal biex dan il-Parlament ikollu fehma waħda li filwaqt li nirrikonoxxu d-drittijiet ta' dawn in-nies, ma ninsewx u ma niskartawx ukoll l-interessi nazzjonali.